2 ta' April, 1951.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**P.L. Ercole Valenzia ne. *versus* Anthony E. Sullivan pr. et ne.**

**Bastiment — Kaptan — Bejgh — Prezz — Użi Kummerċjali — Art. 329 tal-Kap. 17.**

*L-"owner" ta' bastiment huwa responsabili għall-attijiet u obligazzjonijiet kollha tal-kaptan, għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bastiment u ma' l-ispedizzjoni. Il-kaptan jirrappreżenta lill-"owner" għal dak kollu li jirrigwarda l-ġestjoni nawtika tal-bastiment; tant li huwa użu kummerċjali illi l-kaptan, għall-import ta' l-ispedizzjoni u tal-provvisti, jista' anki jirrilaxxja kambjalijiet fuq l-"owner".*

*Huwa wkoll użu kummerċjali illi l-fatt li l-prezz ma ġiex fissat ma jfissirx li ma kienx hemm bejgħ; u illi, meta l-partijiet ma jgħidu xejn fuq il-prezz, ordinarjament li huma rrimettew ruħhom għall-prezz ġust.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut, fil-kwalità fuq imsemmija, kien ordna per mezz tas-Superintendent Captain McCallum, minn għand id-ditta attriċi, "lifeboat" u "lifeboat equipment" (dokumenti B u C), konsistenti fil-partiti indikati dettaljatament fil-kont (dok. D); u illi l-attur nomine xtara akkont tal-konvenut l-imsemmija merkanzija bis-somma ta' £433. 15. 3, u kkunsinnaha fuq il-"motor vessel Camborne", proprjetà tal-konvenut, "motor vessel" li l-lum isimha ġie mibdul f'"Carmary"; u illi l-Captain William Shaw rċieva dina l-merkanzija għan-nom tal-konvenut proprio et nomine, u tagħha ħalla riċevuta fis-6 ta' Ġunju 1947 (dok. E); talab li, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-provvedimenti kollha xierqa, il-konvenut proprio et nomine jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £433. 15. 3, valur ta' "lifeboat equipment" deskritt fil-kont riferit u eżibit, u li serva għall-"motor vessel Camborne" il-lum konoxxuta bħala "Carmary", ta' proprjetà tal-konvenut proprio et nomine. Bl-imgħax kummerċjali mis-6 ta' Ġunju 1947, u bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Frar 1948 u tal-mandat ta' impediment tas-safar ta' bastiment tal-4 ta' Marzu 1948, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ellul Sullivan proprio et nomine, li fiha dan qal illi l-"lifeboat" konsenjata mill-mandanti ta' l-attur ma kienetx adattata għall-vapur ta' l-eċċipjent, kif kellha tkun, u għalhekk ma ġietx aċċettata, u li l-atturi rċevew lura dina l-"lifeboat" u għalhekk ma jistgħux jirreklamaw il-prezz tagħha; illi, bla preġudizzju tal-premess, ma kienx hemm ftehim fuq il-prezz, b'mod li l-bejgħ ma kienx perfett; u għall-agħar ipotesi, il-prezz dovut hu dak korrenti, li huwa orħos minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-23 ta' Marzu 1950, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut proprio et nomine, salvi d-drittijiet tad-ditta konvenuta "si et quatenus" kontra ħadd ieħor; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-konvenut "in nomine proprio" u għad-ditta "The Mediterranean Trading Shipping Company Limited", kien l-"owner" tal-bastiment għall-ewwel imsejjaħ "Camborne", u l-lum imsejjaħ "Carmary".

Illi dawna l-provi juru wkoll illi Messrs. B.E. Moors & Co. Ltd., kienu l-Agenti f'Londra tad-ditta konvenuta in konnessjoni ma' dina l-pendenza (ara ittra fol. 142);

Illi mix-xhieda ta' Carl Pehr Viktor Waehrenquinst, Manager ta' din id-ditta "B.E. Moors & Co. Ltd.", fol. 89, jirriżulta illi Captain McCallum, li per mezz tiegħu d-ditta konvenuta akkwistat dan il-bastiment, minn barra "stores" u "provisions", ordna wkoll lid-ditta attriċi "lifeboat equipment" għall-istess bastiment. Dan l-ordni ta' Captain McCallum hu konfermat mix-xhieda ta' Trevor George Edwards, Managing Director tad-ditta attriċi, fil-fol. 103 ta' l-inkartament;

Illi ma jistax ikun hemm dubju illi dan Captain McCallum kien qiegħed jagixxi għad-ditta konvenuta, bl-approvazzjoni ta' wieħed mid-diretturi tad-ditta konvenuta, ċjoè l-konvenut Anthony Ellul Sullivan, meta dan kien Londra. Il konvinzjoni tal-Qorti fuq dana l-pont hi inġenerata għar-raġunijiet li ġejjin :—

(a) Ix-xhud Waehrenquinst........... qal kategorikament (fol. 91).............. "there was never any question..........";

(b) Ix-xhud Trevor George Edwards.............. l-istess igħid fil-fol. 104 :— "The owner Mr. A. Sullivan..........";

(c) Fl-ittra eżibita in kopja...........;

(d) B'liġi (art. 329 Kap. 17) l-"owner" tal-bastiment hu responsabili għall-attijiet u għall-obligazzjonijiet tal-kaptan, għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bastiment u mal-l-ispedizzjoni. Hi ħaġa indubitata illi l-kaptan jirrappreżenta l-"owner" għal dak kollu li jirrigwarda l-ġestjoni nawtika tal-bastiment. Tant illi, kif irrileva l-Imħallef Dr. Parnis fil-kawża "Neg. Giuseppe Muscat vs. Capitano Dadicos ne.", 18 ta' April 1907, hu użu kummerċjali illi l-kaptan għall-import ta' l-ispedizzjoni u tal-provvisti, jista' anki jirrilaxxja kambjalijiet fuq l-"owners". Kif josserva l-Carver (Carriage by Sea, 6th. Edition, page 58), it-terzi huma intitolati li jassumu li l-kaptan hu l-aġent ġenerali ta' l-"owners" għal

dawk li huma "usual undertakings"; u ċertament ix-xiri ta' "lifeboat" hija "usual undertaking", għaliex preċiżament wieħed mill-obligi tal-kaptan, b'ligi (art. 339 Kap. 17), hu dak li jaċċerta ruħu illi l-bastiment ikun imgħammar b'kull ma jeħtieġ għan-navigazzjoni. Igħid a propożitu l-Albert (Law of Merchant Ships and Seamen, page 108), "the master appears to all the world as the agent of the owners in matters relating to the means of employing the ship"; fost dawn il-"means" dak tal-"fitting out the ship". Għalhekk kienet ħaġa li taqa' fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet li l-Kaptan McCallum xtara din il-"lifeboat" għad-ditta konvenuta. Infatti x-xhud Walhrenquist, "shipping broker" ta' esperjenza ta' tletin sena, qal fil-fol. 92 illi huwa ma ra xejn "unusual" f'din it-"transaction". "Nothing whatever", qal dan ix-xhud, "it is quite the customary thing for these stores to be ordered by masters of ships..............";

Illi hu veru li fil-fatt il-"lifeboat" ma kienetx adattata għall-bastiment........... hi kienet "too long to go on board". Dan il-fatt kien jista' jkollu valur kbir għav-vantaġġ tad-ditta konvenuta kieku ma kienx hemm ċirkustanza li tneħħilu għal kollox din l-importanza. Infatti deher mill-provi li Captain McCallum kien avżat bid-daqs tal-"lifeboat", u intant l-istess ta l-ordni, bl-approvazzjoni, għar-raġunijiet fuq indikati, tal-konvenut għal dak kollu li kien qiegħed jagħmel........... Għalhekk fil-fatt l-ordni ta' "16ft. lifeboat" ġie mibdul f'ordni ta' "20 ft. lifeboat", malgrado t-twissijiet tad-direttur tad-ditta attriċi;

Illi ma hemmx dubju illi fil-fatt il-"lifeboat" ġiet konsenjata mid-ditta attriċi...............;

Illi huwa ċar li meta d-ditta attriċi forniet "lifeboat" kif ordnata, bid-daqs kif mibdula fuq istruzzjonijiet tal-kaptan li kien qiegħed jaġixxi bl-approvazzjoni ta' l-"owner", meta kkonsenjat din il-"lifeboat"u ħadet riċevuta tal-konsenja minn għand il-kaptan tal-bastiment, u meta kellha f'idejha l-"account" firmat mill-kaptan żmien wara, hija ma għandhiex x'taqsam jekk, bi truskuraġni ta' xi ħadd mbux konness magħha, il-"lifeboat" sar minnha dak li fil-fatt sar. Id-ditta attriċi eżegwiet l-obligu tagħha, u għandha titħallas;

Illi ma hux loġiku li d-ditta konvenuta tippretendi li tiġi svinkolata mill-obligazzjoni tagħha fuq l-allegazzjoni li l-"lifeboat" ġiet ritornata lid-ditta attriċi. Anki kieku d-ditta konvenuta kienet b'xi mod irrifjutat u ddepożitat regolarment skond il-liġi l-"lifeboat" akkont tad-ditta attriċi, u innotifikat b'dana d-depożitu lil dina d-ditta, dejjem kien ikun hemm lok li wieħed jeżamina jekk ir-rifjut u r-restituzzjoni kienux ġustifikati. F'dana l-każ ir-raġuni tar-rifjut ta' dak il-"lifeboat" kienet li l-"lifeboat" kienet kbira għall-bastiment. Hu car li, ġà ladarba l-Kaptan McCallum fil-fatt aċċetta li jordna l-"lifeboat" avvolja avżat li kienet ta' daqs kbir, allura dina r-raġuni m'hijiex valida. Iżda lanqas kien hemm din ir-restituzzjoni jew depożitu tal-"lifeboat" fil-mod li skond il-liġi kellhom isiru.......... F'dawn iċ-ċirkustanzi ma tistax d-ditta konvenuta televa kontestazzjoni valida in bażi għall-allegata restituzzjoni tal-"lifeboat"; salvi d-drittijiet tagħha "si et quatenus" kontra min seta' naqas minnu dak li kellu jagħmel fl-inkombenzi tiegħu;

Illi, kwantu għall-prezz, il-fatt li l-prezz ma ġiex fissat ma jfissirx li ma kienx hemm bejgħ, peress li hu użu kummerċjali li meta l-partijiet ma jgħidu xejn fuq il-prezz, ѵwoldiri li rrimettew ruħhom għall-prezz ġust (ara sentenza ta' dina l-Qorti tat-3 ta' April 1925. "Caruana vs. Anastasi");

Illi, apparti l-asserzjoni ġenerika li l-prezz huwa eżaġerat, xejn ma ġie validament addoit mill-konvenut nomine biex isostni l-assunt tiegħu. Jikkonkorru anki ċirkustanzi li juru li l-prezz reklamat hu sewwa. Il-Kaptan McCallum iffirma l-kont.......... Minbarra dan, id-ditta konvenuta qatt ma semmiet fil-korrispondenza tagħha l-eżaġerazzjoni tal-prezz, u l-lum mhux tant possibili li jiġi b'sikurezza stabbilit il-prezz; meta ebda pass ma ħadet id-ditta konvenuta biex tiġi konservata l-"lifeboat" u tiġi valutata a tempo debito. Bħala kaptan tal-baħar McCallum kien prattiku ta' dawn l-oġġetti, u ma setax ma jkunx jaf jekk il-prezz kienx ġust meta ffirma l-"account". Hu kien qal ukoll li seta' jbiegħ il-"lifeboat" f'Malta bi profitt;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut proprio et nomine..........;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-23 ta' Marzu 1950 u ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut nomine xtara f'Londra l-vapur "Camborne", li issa għandu isem ieħor, u li kien fi Plymouth, per mezz tas-sensala Messrs. E.B. Moors & Co. Ltd. Fix-xiri ta' dak il-vapur kien imdaħħal ċertu kaptan McCallum, li kien qiegħed jidher għall-konvenut u fl-interess tal-konvenut nomine stess, tant li l-konvenut tah b'kumpens £40. Il-konvenut qabbad bħala kaptan tal-vapur lil Captain Shaw, li xehed f'din il-kawża. Biex dak il-vapur kien jista' jsalpa kellu bżonn ta' ċerti attrezzaturi, provvizjonijiet, u "lifeboat" kompita b'kollox. Il-konvenut xehed li ordna kollox hemm; iżda mix-xhieda rriżulta li, għall-anqas materjalment, l-ordnijiet għaddihom Captain McCallum lid-ditta attriċi, mingħajr ma l-konvenut qatt iddisdiċieh, jew wera b'xi mod li ma riedx jindaħal. Anzi fl-okkażjoni ta' meta ġew ingaġġati tliet baħrin Maltin, kien McCallum li b'inkariku tal-konvenut qabbadhom u ftihem magħhom;

Intant id-ditta attriċi ordnat il-"lifeboat", u fis-7 ta' Ġunju ipprokuratha minn għand id-ditta Messrs. Butterfield, u dina bagħtet il-"lifeboat" bl-attrezzatura lil Captain Shaw fi Plymouth, per mezz tad-ditta Messrs. Convoy Ltd. Fil-għaxija fit-12 ta' Ġunju 1947, id-ditta Messrs. Convoy Ltd., per mezz ta' l-impjegat tagħha Passmore, kif ġie ordnat, wasslet din il-"lifeboat" ħdejn il-bastiment fil-"Yard" tad-ditta G. Halls Engineering Co. Ltd., fejn il-vapur kien qiegħed jissewwa, u Passmore għarraf lil Captain Shaw, ħa l-firma minn għandu tal-konsenja u ħalla l-"lifeboat" għand Arthur Richard Hill, billi skarikaha fil-"gantry" tal-"yard" u telaq, u wara ikkunsinna d-"delivery note" fl-uffiċċju tal-prinċipal tiegħu skond l-użanza tad-ditta;

Captain Shaw irrimarka li l-"lifeboat" kienet kbira, iżda b'dana kollu ma rrifjutahiex dak il-ħin, u lanqas bagħatha lura. Dana jirriżulta ċar mid-depożizzjonijiet.......... U li Shaw ma bagħatx lura u ma rrifjutax dak il-ħin il-"lifeboat"

jirriżulta wkoll minn dak li ġara wara............... Fil-fatti hadd ma ħa ħsieb jibgħat lura l-"lifeboat" jew jinforma lid-ditta attriċi. Aktar tard, fil-15 ta' Lulju, il-vapur salpa leja Malta.............. Intant, sal-11 ta' Novembru, id-ditta attriċi qatt ma kienet ġiet informata u qatt ma kienet semgħet li l-"lifeboat" kienet ġiet irrifjutata mill-Kaptan Shaw u li kienet ġiet imħollija fil-"yard" ta' Hall jew fil-baħar;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut nomine jippretendi li mhux responsabili għall-ħlas tal-"lifeboat", għax il-Kaptan Shaw irrifjutaha, u Captain McCallum ma kellux dritt jordnaha għan-nom tiegħu. Iżda, kif ġà ġie rilevat, Captain Shaw irrofta l-"lifeboat" ġimgħa wara l-konsenja tagħha, ma ħax ħsieb jibgħatha lura, u lanqas javża lid-ditta attriċi jew almenu lill-aġenti tal-konvenut nomine Messrs. Moors, u intant kien iffirma d-"delivery note" għall-finijiet tal-konsenja tal-"lifeboat"; u l-Kaptan tal-bastiment għandu r-rappreżentanza tas-sidien tal-bastiment quddiem it-terzi persuni għal dak li huma l-bżonnijiet ordinarji tal-bastiment għan-navigazzjoni. Jekk il-Kaptan Shaw naqas mid-diligenza, ċertament ma għandhomx ibatu l-atturi l-konsegwenzi ħżiena. Lanqas ma jista' jingħad li Captain McCallum ma kellux jedd jindaħal fl-ordinazzjonijiet, għax il-fatti wrew li huwa kellu għall-anqas mandat taċitu mill-konvenut, li kien qiegħed jinqeda bih, u fil-preżenza ta' l-aġenti tiegħu juri li kien qiegħed jisserva bis-servizzi tiegħu u jħallih jindaħal u jordna l-bżonnijiet tal-bastiment, kif irriżulta mix-xhud Waerhanquist (fol. 91); u fil-mandat taċitu li kellu McCallum il-konvenut ma ħax ħsieb juri limitazzjoni speċjali b'mod li t-terzi persuni kienu jistgħu jindunaw li McCallum kien qiegħed jeċċedi s-setgħat tiegħu. Evidentement kien wara li l-konvenut induna bit-taħwida, li ħa ħsieb jiċħad lil McCallum, u mhux qabel. Iżda l-atturi nomine ma għandux isofri l-konsegwenzi hu, meta ittratta mal-mandatarju tal-konvenut nomine bl-akbar bwona fede. Għaldaqstant il-konvenut nomine ma jistax jiddiskonoxxi x-xiri magħmul minn McCallum, u għandu jħallas il-prezz;

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu li McCallum ma kienx il-Kaptan tal-bastiment u li għalhekk, kontrarjament għal dak li rilevat

l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ma setax jorbot lis-sidien tal-bastiment indipendentement minn mandat speċjali. Iżda, kif gie rilevat, huwa kellu għallanqas il-mandat taċitu indipendentement mill-professjoni tiegħu ta' Kaptan, biex jieħu ħsieb l-attrezzatura, għax il-konvenut kien qiegħed jinqeda bih, u quddiem it-terzi kien qiegħed jidher bħala mandatarju tal-konvenut bl-akkwijexxenza tal-konvenut stess. Jekk eċċeda, jista' jkun passibili tad-danni;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ma għandux raġun jippretendi li l-bejgħ ma kienx konkjuż għax ma ssemmiex il-prezz preventiv. Iżda meta jsir l-ordni, biex l-ordni jiġi eżegwit billi diġà oħra tforni l-oġġett u tibagħtu *akkont tas-sid tal-bastiment*, **għandu** jiftiehem li l-prezz huwa l-prezz tas-suq li soltu għal dak l-oġġett jitlob il-venditur; u ma jidherx li hemm eżaġerazzjoni fil-prezz, speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-iskarsezza ta' imbarkazzjonijiet u l-urġenza tal-bżonn li kellu l-vapur ta' l-imbarkazzjoni. Milli jidher, lanqas fl-okkażjoni tat-tieni "*lifeboat*" li nxtrat ma gie ffissat u miftiehem preventivament il-prezz, u ebda kwistjoni ma nqalgħet fuq il-kondizzjoni tal-bejgħ; u l-bwona fede, li hi essenzjali fil-kummerċ, ma tippermettix li kwistjoni fuq il-prezz titqajjem seba' xhur wara l-konsenja;

Għal dawna r-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.